ĦAL GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 41 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta 8 ta' Novembru 2011, fis-2.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |

Uffiċċjali

| | |
|---|---|
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

---

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji a) Petty Cash Ottubru 2011;

   b) Skeda ta' Ħlas Ottubru 2011;
5. Palazzo Gannini;
6. Attivitajiet tal-Milied;
7. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

1. **Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 40 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Agius.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2. **Tagħrif mill-Minuti**

Dwar item 7.4 dwar it-talba biex Triq G. Demicoli issir *One Way* minn Triq tas-Salib l-isfel. Intbagħatet ittra lir-residenti biex jaraw jaqblux ma' din t-talba w irećevenja 15 ir-risposta 2 favur u 13 kontra biex ma ssirx.

Is-Segretarju qalet li is-Sur Ruben Dimech li jaħdem bħala *part-timer* mal-Kunsill mhux qed jiġi għax-xogħol fil-ġranet li jkun hemm bżonnhu l-Kunsill iżda qiegħed jiġi meta jkun jista' hu biss. Għaldaqstant hemm il-ħtieġa li toħroġ sejħa għal *part-timer* ieħor jew oħra. Il-Kunsill qabel.

Is-Sur Abdilla xtaq iżid mas-suġġett dwar l-Arriva, suġġett li l-Kunsill tkellem dwarhu fis-Seduta Nru. 40 u qal li xtaq jippreżenta Rotta (App.1) kif miftehma bejn l-*Union* li tirrapreżenta s-sewwieqa w l-Arriva u meta din ir-Rotta ġiet preżentata lit-*Trasport Malta* din tal-aħħar qatt ma' sabet oġġezzjoni. Is-Sur Abdilla kompla jgħid li fuq din ir-rotta kien hemm qbil iżda s-Sur Thomas Dimech tat-*Trasport Malta* qatt ma' ried jiffirma l-ftehim. Din ir-rotta bdiet topera nhar il-Ħadd. 6 ta' Novembru, 2011.

Wara li saret diskussjoni dwar il-ħinijiet u r-rotot tal-Arriva sar qbil li terġa' issir laqgħa ma' *Trasport Malta* biex jiġu ċċarati l-affarijiet.

**Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)**:-

1. Mid-Dipartiment irċevejna Memo 103/2011 – *Building Together Sustainable Localities* – Konferenza Organizzata b'kollaborazzjoni bejn il-Meusac u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali fis-27 u t-28 ta' Novembru, 2011.

Irċevejna wkoll dwar preżentazzjoni ta' kotba 'l-Avvanz tal-Pellegrini' ta' John Bunyon, sabiex jitqassam lill-Libreriji tal-Kunsilli Lokali, fit-28 ta' Novembru, 2011, ġewwa l-Kunsill Lokali ta' B'Kara.

Dwar Aċċessibilita' Aħjar fil-Loklaitijiet – 2009, ser ningħataw il-pagament finali li kien jonqosna marbut ma' din l-iskema ta' € 4,390.32 li fil-fatt diġa' rċevejna.

Infurmaw ukoll dwar l-irwol li għandu l-*Authorised Officer* fid-dawl tat-trasferiment tad-delega tal-infurzar lokali.

Infurmawna li sar tnaqqis mill-allokazzjoni ta' € 1,820.87 bħala penali talli kemm il-*Financial Statements* kif ukoll ir-Rapport tal-Awditur ma waslux fil-ħin. Din il-kwistjoni qed tieħu ħsiebha l-AKL.

3. Mill-AKL irċevejna dwar il-Laqgħa għall-Kunsillieri li ser isir is-Sibt, 19 ta' Novembru, 2011, ġewwa l-Lukanda Le Meridien, San Giljan.
Infurmaw ukoll dwar tnaqqis li sar dwar ir-Rapport Finanzjarju, fejn qed jitolbu lil dawk il-Kunsilli Lokali li sarilhom dan it-tnaqqis u qed jitolbu r-rifużjoni tagħhom, jinfurmaw lill-Assoċjazzjoni sabiex tressaq l-ilmenti quddiem l-Awtoritajiet.
Infurmaw ukoll li l-Plenarja ser isir fit-3 ta' Diċembru, 2011, anness il-Minuti u l-Programm.

3. Mill-MEPA rċevejna dwar Applikazzjoni ġdida PA 1358/11 dwar sanzjoni ta' gallarija ma' faċċata eżistenti fi Triq G. Scicluna k/m Triq l-Isparvier.
Irċevejna dwar Applikazzjoni ġdida PA 1395/11 dwar twaqqiegħ u kostruzzjoni bħala storage għall-knisja fi Triq San Ġużepp k/m Triq il-Barbazzal.
Infurmaw ukoll li l-bilanċ li għandna disponibbli fir-rigward tal-UIF huwa ta'
€ 21,698.13.

4. Mill-OPM infurmaw li ser isir taħriġ fis-Sistema tal-Liċenzji peress li din ser tinbidel, fejn għalih attendiet l-Iskrivana.
Infurmaw dwar il-Kampanja 34U.

5. Mingħand il-Perit Marvin Ellul irċevejna diversi kontijiet ta' xoġhol li wettaq li jammontaw ghal-€3,437.66. Il-Kunsill qabel li dan il-ħlas isir iżda minħabba li għad hemm xi xogħolijiet li jsiru mill-Perit, minn din is-somma titnaqqas 5%.

6. Mingħand Reuben Sciberras – Segretarju Reġjun Nofsinhar dwar il-ħatra ta' Kummissarji ghat-Tribunali Lokali Qormi – Dr. Ian Micallef u Zurrieq Dr. Kris Balzan.

Talbu ukoll dwar jekk il-Kunsill għandux ilmenti jew suġġerimenti dwar il-MEPA u dwar id-devoluzzjoni tad-Dwal.

7. Mingħand Martin Spiteri tal-BOV, infurma li dwar l-istallazzjoni tal-ATM fil-Bypass, din il-proposta ma ġietx ikkunsidrata.

8. Mingħand VOs Radio Show – Leħen l-Organizzazzjonijiet Volontarji fuq One Radio dwar attivitaijiet volontarji li jkunu qed isseħħu fil-lokalitajiet.

9. Mingħand is-Sur Gafa', fejn qed jitlob biex jerġa' jsir il-lajn isfar li kien hemm fi Triq tal-Wilġa. Il-Kunsill qabel li jikteb lil ADT dwar dan.

10. Mingħand Maltapost p.l.c., fejn infurmaw li 'Marcham Stationery' minn Triq Str.Marija bħala ħanut ser imur Wesgħa Bir id-Deheb, sabiex jopera bħala *sub-post office*. Is-Sindku informa li bħala Kunsill ma' nsibu l-ebda oġġezzjoni.

11. Mingħand Din l-Art Ħelwa, fejn laqgħu talba tagħna sabiex jiltaqaw magħna fir-rigward tat-Turretta iżda ħin u data għad iridu jiġu deċiżi.

12. Mingħand Bonnici Bros Ltd., irċevejna il-Bill of Quantities ta' Toroq li saru li huma Triq tal-Wilġa; Triq il-Ħannieqa; Triq il-Qattus; Triq P. Cassar; Triq G. Barbara; Triq id-Dejl; Triq N. Caruana Dingli u Triq ir-Rebbiegħa.

13. Mingħand Dr. L. Busuttil irċevejna kopja tal-email li ntbagħatet lil Bonnici Bros. Ltd., fejn qed ninfurmawhom li l-Kunsill mhux ħa jaċċetta ż-żieda fit-tariffi kif ġie komunikat minnhom fir-rigward tal-offerta tal-PPP.

14. Mingħand Ing. Micallef fi ħdan l-MCCAA, irċevejna *Playground Inspection Report*.

15. Mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop, infurmaw li ġiet aċċetata l-applikazzjoni dwar taħriġ fil-piroteknika li aħna qegħdin fi sħab magħhom, fejn il-PPCD issuġġeriet xi tibdil fil-kundizzjonijiet li qegħdin elekanti fl-istess e-mail.

16. Mill-Moviment Kerygma bagħatu dwar il-Premju ż-Żagħżugħ tas-Sena 2011.

17. Mingħand *Schembri Barbros*, sabiex inħallsu l-aħħar pagament fir-rigward tal-Ground. Dan huwa ta' €10,228.83. Il-Kunsill qabel li dan il-kont għandu jitħallas għax ix-xogħol sar kollu.

18. Mill-Enemalta, fejn infurmaw li ġew approvati it-talbiet għal bozoz fi Triq it-Tilliera u Tal-Ġiebja l/o B'buġia.

19. Mingħand *Untours Insurance* irċevejna t-tiġdid tal-poloz "*Fidelity Guarantee*" €335 u "*Group Personal Accident*" €929 u "*Electronic Equipment*" €143.60. Il-Kunsill qabel li dawn il-poloz jiġġeddu.

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Intbagħatet e-mail lis-Sur S.Grima fi ħdan it-Transport Malta, fir-rigward ta' Triq G. Scicluna, sabiex issir laqgħa miegħu jew ma' rappreżentant tiegħu fuq il-post. Il-Perita G. Galea ġiet fuq il-post u iltaqet mas-Sindku.

Is-Sindku qal li l-Perit G. Galea ġiet fuq il-post u meta ntaqet mas-Sindku dan spjega li Triq Giovanni Scicluna mhux 70% biss fiha bini iżda spjega li minn naħa ta' *Trasport Malta* dawn kellhom żball għax fis-*site plan* huma kellhom Triq Pawlu Cassar li issa tagħmel parti minn Triq G. Scicluna għada mniżżla bħala Triq Pawlu Cassar iżda issa Triq G. Scicluna tibda minn Triq il-Bwar. Għaldaqstant Triq G. Scicluna issa ser issir bit-tarmak minn naħa ta' *Trasport Malta*.

b) Intbagħatet e-mail lill-Dr. Jason Azzopardi u wkoll lis-Sur Aldo Cutajar tal-Lands, fejn tlabna informazzjoni dwar il-biċċa art li hemm 'Ta' L-Andar' li tinsab ħdejn il-ground tal-Football fejn din isservi bħala parkeġġ. Gejna infurmati minn Dr. Azzopardi li din l-art ġiet mibjugħa xi 17 il-xahar ilu.

ċ) Intbagħat e-mail bħala oġġezzjoni fuq żvilupp PA 1066/04 fi Triq il-Ħatem lill-MEPA, Heritage, Din l-Art Ħelwa, Agrikoltura, fejn wrejna d-diżaprovazzjoni tagħna u tar-residenti għal dan l-iżvilupp sabiex ma jseħħx. Intbagħatet ittra minghand is-Sindku lir-residenti ta' Triq il-Ħatem u lill-Għaqdiet Lokali kollha sabiex ikunu prezenti għall-Konferenza Stampa li saret fil-5 ta' Novembru, 2011, fil-11:00 a.m., mal-ġenb tal-ġnien ta' 'Palazzo Gannini'.

d) Intbagħatet e-mail lis-Sur Bonello tal-OPAL, dwar prezzijiet ta' seats tal-bandli, xi outdoor gym equipment u l-metal wire fencing bil-gate għal mad-dawra tal-bandli.

***F'dan l-istadju, il-Kunsill ġie sospiż biex tkun tista' ssir laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi. Il-Membri kollha tal-Kunsill kienu preżenti flimkien mas-Sinjuri Patrick Caruana, Accountant, u l-Membri tal-Kumitat J.C. Azzopardi u Justin Tabone.***
***Ippresieda l-Viċi-Sindku, J.M. Abdilla, Chairman.***

**4. Rapport Finanzjarju**

Is-Sur Abdilla qal li l-Accountant se jressaq ir-rapport Finanzjarju tat-Tielet Kwart fejn jintwera l-andament tad-dħul u ħruġ tal-Kunsill għal perjodu Lulju-Settembru li għaddew u stieden lill-Membri tal-Kumitat tal-Finanzi biex jindikaw liema oqsma kien hemm ħtieġa li l-Kunsill jirrijalloka flus approvati fl-estimi kurrenti.

Is-Sur Caruana qara l-ammonti li daħlu fit-Tielet Kwart indikat u wkoll il-ħruġ li sar u ta' spjegazzjoni fejn kien mitlub dwar għal liema skop kien sar ċertu nfieq għas-sodisfazzjon tal-Membri.

Diversi Membri ndikaw x'allokazzjonijiet li ġew maqbuża diġa' meta mqabbla ma' nefqiet li saru jew li se jitħallsu sal-aħħar tas-sena finanzjarja u l-*Accountant* għamel proposta kif se jkunu aġġustati l-voti ndikati, bi qbil unanimu tal-Kumitat tal-Finanzi.

Il-Kumitat innota li skond ir-rapport anness, il-bilanċ għall-ewwel disa' xhur issa jidher li hu fuq l-44 Elf Ewro.

Is-Sindku talab lill-*Accountant* jinforma jekk b'dak li hemm pendenti l-Kunsill jispiċċax is-sena tajba.

Is-Sur Azzopardi qal li dak li diġa' ġie deċiż u se jsir jew jinbeda sal-aħħar tas-sena għandu jittieħed inkunsiderazzjoni għaliex finalment irid xorta jidher mal-*accrued expenditure*.

Is-Segretarju nfurmat li waslula kontijiet ta' xogħol li sar u li se jidhru fir-raba' kwart, u qalet ukoll li xogħol ieħor li jista' jkun ġie diskuss mill-Kunsill mhux se jinbeda fis-sena finanzjarja kurrenti.

Is-Sur Abdilla qal li jidher li l-indikatur finanzjarju huwa fuq id-19% u dan jidher li hija sitwazzjoni tajba fil-mument.

Hu għalhekk ippropona li l-*Accountant* jagħmel it-tibdil fil-voti skond ma' ndikaw il-Membri u li r-rapport jiġi adottat u ssir rakkomandazzjoni lill-Kunsill biex jadotta dak li ġie deċiż.
Issekonda is-Sur Justin Tabone u l-Kumitat qabel.

Ic-Chairman tal-Kumitat irringrazzja lill-Membri mhux Kunsilliera tal-Kumitat tal-Finanzi u talabhom jirtiraw mis-seduta.

***F'dan l-istadju l-Kumitat tal-Finanzi waqaf mid-deliberazzjonijiet tiegħu u ġie rikonvenut il-Kunsill.***

Is-Sindku qal li wara li saret il-laqgħa tal-Finanzi u l-Kunsilliera kollha kienu preżenti, staqsa kienx hemm oġġezjoni li l-Minuti jiġu addottati u li l-Kunsill jaqbel mar-rakkomandazzjoni li saret biex isir aġġustament fil-voti fil-kwart li jmiss.

Il-proposta tas-Sur Vassallo ġiet sekondata mis-Sinjura Agius u maqbula unanimament.

## 5. Materji Finanzjarji

4.1.1 *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Ottubru 2011 u li kienu jammontaw għal €37.94. Is-Segretarju qrat l-lista tan-nefqiet li saru u ressqet l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Talbet li jiġu miġbuda mill-Bank €37.94 biex jkollha biżżejjed *cash flow*.
Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Attard.

4.1.2 *Skeda ta' Ħlas – Ottubru 2011*: Is-Segretarju poġġiet fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Ottubru 2011 u li jammontaw għal €21,372.13 . Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġie sekondat mill-Kunsillier Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6. Palazzo Giannini

Is-Sindku qal li saret laqgħa mal-Avukat tal-Kunsill, is-Sur Luciano Busuttil dwar l-iżvilupp ta' Palazzo Giannini u l-parir mingħandu kien li l-Kunsill jikteb lic-Chairman tal-MEPA, is-Sur Awstin Walker biex isaqsieh jekk il-MEPA hux se toġġezzjona għad-deċiżjoni li ħadet il-Bord dwar Palazzo Giannini.

Is-Sindku qal li l-MEPA kienet irrifjutat l-applikazzjoni iżda l-Bord iddeċieda mod ieħor.

Meta s-Sindku staqsa jekk il-Kunsill kienx għamel oġġezzjoni meta saret l-ewwel darba l-applikazzjoni għal dan l-iżvilupp, is-Sur Abdilla wieġeb li l-Kunsill fl-2004 kien oġġezzjona minħabba li skont kif qal is-Sur Abdilla l-bini li kien se jinbena fi Triq il-Ħatem kien se jieħu parti mill-bankina u din kienet art pubblika. Is-Sindku qal li skont il-pjanti ta' l-iżvilupp l-bini se jiġi rtirat il-ġewwa mill-bankina.

Is-Sur Abdilla żied jgħid li s-siġar li hemm fil-ġnien mhux kollha huma protetti.

## 6. Attivitajiet tal-Milied

Saret diskussjoni dwar l-armar tal-Festa tal-Milied fuq barra fit-toroq u ġie deċiż li tinħareġ kwotazzjoni għal 10 fustuni bid-disinji li jikkonsistu f'*running lights* u jkun fihom mill-anqas disinn b'konnessjoni mal-Milied.

Dwar attivitajiet soċjali għar-residenti fil-jiem festivi, il-Kunsill iddiskuta x'jista' jsir u fost suġġerimenti li ġew maqbula kien suġġerit li minflok *party* għat-tfal dawn jittieħdu jaraw *film* iċ-ċinema fil-ġurnata tal- 20 ta' Diċembru, 2011.

Għal anzjani issir ikla bi ħlas u li ssir fis-Sala Nazareth. Din l-attivita' issir nhar il-Ħadd, 18 ta' Diċembru, 2011.

Sar qbil ukoll li l-Kunsill jagħmel riċeviment żgħir nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Diċembru, 2011, fis-7.30 p.m. u għalih jiġu mistiedna l-Għaqdiet tar-Raħal u Deputati Parlamentari tar-Raħal biss.

Il-Kunsill qabel dwar dawn l-attivitajiet.

**7. Suġġerimenti mill-Kunsilliera**

1. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa ta' mera faċċata ta' Triq il-Ġibjun u oħra fi Triq Birżebbuġa faċċata ta' Triq Gammari Dalli. Il-Kunsill qabel.

2. Is-Sur Vassallo qal li jeħtieġ issir bozza ħdejn l-iskips ta' Triq Tumbarellu. Il-Kunsill qabel.

3. Is-Sinjura Agius qalet li fi Triq San Ġorġ hemm xi ħofor u hemm il-ħtieġa li jittranġaw. Is-Sindku qal li se jieħu ħsieb. Il-Kunsill qabel.

4. Il-Kunsilliera Agius qalet li fi Triq San Ġorġ hemm il-ħtieġa ta' bozza biex titwaħħal ma' arblu eżistenti fuq dar bl-isem "Indri". Il-Kunsill qabel.

5. Il-Kunsilliera Agius qalet ukoll li jeħtieġ jinzebgħu *STOP signs* mal-art fit-toroq li inksew bit-tarmak u jitwaħħlu *speed limit signs* fil-*Housing Estate*. Il-Kunsill qabel.

**8. Aġġornament**

Is-Sindku fil-4.30pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tlieta, 6 ta' Diċembru, 2011, fis-2.00 pm.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

**Ikkonfermati:- It- Tlieta, 6 ta' Diċembru, 2011, fis-2.00pm.**